2012









# Flimkien noħolqu x-xogħol Għalik



## 76,000 persuna jinqdew aħjar billi jiġbru l-mediċini b'xejn mill-ispiżerija tagħhom

Illum 76,000 persuna qed jiġbru l-mediċini b'xejn mill-Ispiżerija tal-lokalità tagħhom. B'hekk tnaqqas l-iskariġġ għalihom u għal qrabathom. L-Iskema tal-Ispiżerija tal-Għażla Tiegħek hi mifruxa f'57 lokalità. Qabel min kien jieħu l-mediċini b'xejn kien jista' jiġborhom minn 5 spiżeriji pubbliċi. Illum għandu għażla ta' 159 spiżerija.

## Jiżdiedu aktar minn 40 kundizzjoni medika biex iżjed pazjenti jingħataw mediċini b'xejn

Minn Marzu 2012, il-Gvern reġa' żied il-kundizzjonijiet mediċi li ma kienux imdaħħla fil-Kartuna s-Safra (Schedule V). B'hekk issa aktar persuni qed igawdu minn mediċini b'xejn speċifikament għal dik il-kundizzjoni medika partikolari.

Il-lista li żdiedet tinkludi aktar minn 40 kundizzjoni ġdida li qed jiddaħħlu għall-ewwel darba. Fost il-kundizzjonijiet ġodda hemm dawk għall-kura tad-*dimentia*, mard kroniku fil-fwied, mard kroniku fil-kliewi, mard tas-sistemi diġestivi, mard tas-sistemi respiratorji, aktar mard tal-qalb, kundizzjonijiet fl-għajnejn u mard tal-ġilda.